Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jistgħu jiġu applikati għal oġġetti li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll u li fil-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ikunu jew fi tranżitu, fil-Partijiet, f'ħażna temporanja f'imħażen doganali jew f'żoni ħielsa, suġġett għall-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-Parti importatriċi, fi żmien 12-il xahar minn dik id-data, ta' prova tal-oriġini maħruġa b'mod retrospettiv flimkien mad-dokumenti li juru li l-oġġetti ġew trasportati direttament skont l-Artikolu 13.

ANNESS I

NOTI INTRODUTTORJI GĦAL-LISTA FL-ANNESS II

Nota 1:

Il-lista tistabbilixxi l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex il-prodotti kollha jitqiesu li huma maħduma jew ipproċessati biżżejjed fis-sens tal-Artikolu 5 ta' dan il-Protokoll.

Nota 2:

2.1. L-ewwel żewġ kolonni fil-lista jiddeskrivu l-prodott miksub. L-ewwel kolonna tagħti n-numru tas-subintestatura, in-numru tal-intestatura jew in-numru tal-kapitolu użat fis-Sistema Armonizzata u t-tieni kolonna tagħti d-deskrizzjoni tal-prodotti użati f'dik is-sistema għal dik is-subintestatura, intestatura jew kapitolu. Għal kull annotazzjoni fl-ewwel żewġ kolonni, tiġi speċifikata regola fil-kolonna 3 jew 4. Meta, f'xi każijiet, l-annotazzjoni fl-ewwel kolonna tkun preċeduta minn "ex", dan ikun ifisser li r-regoli fil-kolonna 3 jew 4 japplikaw biss għall-parti ta' dik is-subintestatura jew intestatura kif deskritt fil-kolonna 2.

2.2. Fejn diversi numri ta' subintestaturi jew intestaturi jkunu miġburin flimkien fil-kolonna 1 jew jingħata numru tal-Kapitolu u d-deskrizzjoni tal-prodotti fil-kolonna 2 għalhekk tingħata f'termini ġenerali, ir-regoli ta' maġenbhom fil-kolonna 3 jew 4 japplikaw għall-prodotti kollha li, taħt is-Sistema Armonizzata, ikunu kklassifikati f'subintestaturi jew intestaturi tal-kapitolu jew f'xi waħda mis-subintestaturi jew intestaturi miġburin flimkien fil-kolonna 1.

2.3. Fejn ikun hemm regoli differenti fil-lista li japplikaw għal prodotti differenti fi ħdan subintestatura jew intestatura, kull inċiż ikun jinkludi d-deskrizzjoni ta' dik il-parti tas-subintestatura jew tal-intestatura koperta mir-regoli ta' maġenbhom fil-kolonna 3 jew 4.

2.4. Meta, għal annotazzjoni fl-ewwel żewġ kolonni, tkun speċifikata regola kemm fil-kolonna 3 kif ukoll 4, l-esportatur jista' jagħżel, bħala alternattiva, li japplika jew ir-regola stabbilita fil-kolonna 3 jew dik stabbilita fil-kolonna 4. Jekk ma tingħata l-ebda regola tal-oriġini fil-kolonna 4, għandha tiġi applikata r-regola stabbilita fil-kolonna 3.

Nota 3:

3.1. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 ta' dan il-Protokoll, li jirrigwardaw prodotti li jkunu kisbu status ta' oriġini li jintużaw fil-manifattura ta' prodotti oħra, għandhom japplikaw, irrispettivament minn jekk dan l-istatus ikunx inkiseb ġewwa l-fabbrika fejn jintużaw dawn il-prodotti jew ġewwa fabbrika oħra f'Parti.

Eżempju:

Magna tal-intestatura 8407, li għaliha r-regola tgħid li l-valur tal-materjal li ma joriġinax li jista' jiġi inkorporat ma jistax jaqbeż il-50 fil-mija tal-prezz tal-fabbrika, hija magħmula minn materjali tal-intestatura 7201, 7202, 7203, 7204, 7205, jew is-subintestatura 722410.

Jekk dan il-materjal ġie pproċessat fil-Parti tal-UE minn ingott li ma joriġinax, huwa diġà jkun kiseb status ta' oriġini bis-saħħa tar-regola għas-subintestatura 722490 fil-lista. Il-materjal imbagħad ikun jista' jgħodd bħala li joriġina fil-kalkolu tal-valur tal-magna, irrispettivament minn jekk ġiex prodott fl-istess fabbrika jew f'xi fabbrika oħra tal-Parti tal-UE. Il-valur tal-ingott li ma joriġinax għalhekk ma jitqiesx meta jiġi kkalkulat il-valur tal-materjal li ma joriġinax li jintuża.

3.2. Ir-regola fil-lista tirrappreżenta l-ammont minimu ta' xogħol jew ipproċessar li huwa meħtieġ, u t-twettiq ta' aktar xogħol jew ipproċessar ukoll jagħti status ta' oriġini; mill-banda l-oħra, it-twettiq ta' inqas xogħol jew ipproċessar ma jistax jagħti status ta' oriġini. Għaldaqstant, jekk regola tipprovdi li materjal li ma joriġinax, f'ċertu livell tal-manifattura, jista' jintuża, l-użu ta' materjal bħal dan fi stadju aktar bikri tal-manifattura huwa permess, l-użu ta' materjal bħal dan fi stadju aktar tard mhuwiex.

3.3. Mingħajr preġudizzju għan-Nota 3.2, meta regola tuża l-espressjoni "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura", f'dak il-każ jista' jintuża materjal ta' kwalunkwe intestatura (anki materjali tal-istess deskrizzjoni u intestatura bħall-prodott), suġġett, madankollu, għal kwalunkwe limitazzjonijiet speċifiċi li jista' jkun hemm ukoll fir-regola.

Madankollu, l-espressjoni "Manifattura minn materjali taħt kwalunkwe intestatura, inklużi materjali taħt l-intestatura…" tfisser li jistgħu jintużaw materjali taħt kwalunkwe intestatura, ħlief dawk tal-istess deskrizzjoni bħall-prodott kif mogħtija fil-kolonna 2 tal-lista.

3.4. Meta regola fil-lista tispeċifika li prodott jista' jiġi mmanifatturat minn iżjed minn materjal wieħed, dan ifisser li jista' jintuża materjal wieħed jew aktar. Ma teħtieġx li jintużaw kollha.

Eżempju:

Ir-regola għat-tessuti taħt l-intestaturi 5208 sa 5212 tistipula li jistgħu jintużaw fibri naturali u li jistgħu jintużaw ukoll materjali kimiċi, fost materjali oħra. Dan ma jfissirx li jridu jintużaw it-tnejn li huma; huwa possibbli li jintuża wieħed jew l-ieħor, jew it-tnejn.

3.5. Meta regola fil-lista tispeċifika li prodott għandu jiġi mmanifatturat minn materjal partikolari, din il-kundizzjoni ovvjament ma timpedixxix l-użu ta' materjali oħra li, minħabba n-natura inerenti tagħhom, ma jistgħux jissodisfaw ir-regola (Ara wkoll in-Nota 6.2 hawn taħt fir-rigward tat-tessuti.)

Eżempju:

Ir-regola għall-ikel ippreparat taħt l-intestatura 1904, li teskludi b'mod speċifiku l-użu taċ-ċereali u d-derivati tagħhom, ma timpedixxix l-użu ta' melħ minerali, kimiċi u addittivi oħra li ma jkunux prodotti magħmula miċ-ċereali.

Madankollu, dan ma japplikax għal prodotti li, għalkemm ma jistgħux ikunu mmanifatturati mill-materjali partikolari speċifikati fil-lista, jistgħu jiġu prodotti minn materjal tal-istess natura fi stadju aktar bikri tal-manifattura.

Eżempju:

Fil-każ ta' oġġett ta' lbies tal-ex Kapitolu 62 magħmul minn materjal mhux minsuġ, jekk ikun permess biss l-użu ta' ħajt li ma joriġinax għal din il-klassi ta' oġġett, mhuwiex possibbli li wieħed jibda minn drapp mhux minsuġ – anki jekk id-drappijiet mhux minsuġa normalment ma jistgħux isiru mill-ħajt. F'każijiet bħal dawn, il-materjal tal-bidu normalment ikun fl-istadju ta' qabel ma jsir il-ħajt – jiġifieri, l-istadju tal-fibra.

3.6. Meta, f'regola fil-lista, jingħataw żewġ perċentwali għall-valur massimu ta' materjal li ma joriġinax li jista' jintuża, dawn il-perċentwali ma jistgħux jingħaddu flimkien. Fi kliem ieħor, il-valur massimu tal-materjal kollu li ma joriġinax użat qatt ma jista' jaqbeż l-ogħla waħda mill-perċentwali mogħtija. Barra minn hekk, il-perċentwali individwali m'għandhomx jinqabżu, fir-rigward tal-materjali partikolari li għalihom japplikaw.

Nota 4:

4.1. It-terminu "fibri naturali" jintuża fil-lista sabiex jirreferi għal fibri li mhumiex fibri artifiċjali jew sintetiċi. Huwa ristrett għall-istadji ta' qabel l-għażil, inkluż l-iskart, u, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, jinkludi fibri li jkunu ġew imqardxin, mimxuta jew ipproċessati mod ieħor, iżda mhux mibruma.

4.2. It-terminu "fibri naturali" jinkludi krin taħt l-intestatura 0503, għażel taħt l-intestatura 5002 u 5003, kif ukoll fibri tas-suf u xagħar fin jew aħrax tal-annimali taħt l-intestaturi 5101 sa 5105, fibri tal-qoton taħt l-intestaturi 5201 sa 5203, u fibri oħra veġetali taħt l-intestaturi 5301 sa 5305.

4.3. It-termini "polpa tat-tessuti", "materjal kimiku" u "materjal li minnu ssir il-karta" jintużaw fil-lista biex jiddeskrivu l-materjali, mhux ikklassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63, li jistgħu jintużaw għall-manifattura ta' fibri artifiċjali, sintetiċi jew tal-karta jew ħjut.

4.4. It-terminu "fibri magħmula mill-bniedem" jintuża fil-lista biex jirreferi għal stoppa ta' filament sintetiku jew artifiċjali, fibri prinċipali jew skart, taħt l-intestaturi 5501 sa 5507.

Nota 5:

5.1. Fejn, għal xi prodott partikolari fil-lista, issir referenza għal din in-Nota, il-kundizzjonijiet stipulati fil-kolonna 3 ma għandhom jiġu applikati għall-ebda materjal bażiku tat-tessuti li jintuża fil-manifattura ta' dan il-prodott u li, meta jittieħdu kollha f'daqqa, jirrappreżentaw 10 fil-mija jew inqas tal-piż totali tal-materjal bażiku kollu tat-tessuti li jkun intuża (Ara wkoll in-Noti 5.3 u 5.4 hawn taħt.)

5.2. Madankollu, it-tolleranza msemmija fin-Nota 5.1 tista' tiġi applikata biss għal prodotti mħallta li jkunu saru minn żewġ tessuti bażiċi jew aktar.

Dawn li ġejjin huma t-tessuti bażiċi:

— l-għażel,

— is-suf,

— ix-xagħar aħrax tal-annimali,

— ix-xagħar fin tal-annimali,

— il-krin,

— il-qoton,

— il-materjal li minnu ssir il-karta u l-karta,

— il-kittien,

— il-qanneb veru,

— il-ġuta u fibri tessili oħrajn tat-tilju,

— is-sisal u fibri tessili oħrajn tal-familja Agave,

— il-fibri tal-ġewż tal-Indi, l-abaka u tessuti veġetali oħra,

— il-filamenti sintetiċi magħmula mill-bniedem,

— il-filamenti artifiċjali magħmula mill-bniedem,

— il-filamenti li minnhom jgħaddi l-kurrent,

— il-fibri prinċipali sintetiċi magħmula mill-bniedem,

— il-fibri prinċipali artifiċjali magħmula mill-bniedem,

— il-ħajt magħmul mill-polyurethane segmentat, b'segmenti flessibbli ta' polijetere, sew jekk gimped kif ukoll jekk le,

— il-ħajt magħmul mill-polyurethane segmentat, b'segmenti flessibbli ta' polyester, sew jekk gimped kif ukoll jekk le,

— il-prodotti tal-intestatura 5605 (ħajt metallizzat) li jinkorporaw strippa li tikkonsisti f'qalba ta' tertuqa tal-aluminju jew qalba ta' tertuqa tal-plastik sew jekk miksija bit-trab tal-aluminju kif ukoll jekk le, wiesgħa mhux aktar minn 5 mm, miżmuma permezz ta' kolla trasparenti jew kulurita bejn żewġ fillieri ta' tertuqa tal-plastik.

— il-prodotti l-oħra tal-intestatura 5605.

Eżempju:

Ħajta, tal-intestatura 5205, magħmula minn fibri tal-qoton tal-intestatura 5203 u fibri prinċipali sintetiċi tal-intestatura 5506, hija ħajta mħallta. Għalhekk, fibri prinċipali sintetiċi li ma joriġinawx li ma jissodisfawx ir-regoli tal-oriġini (li jeħtieġu manifattura minn materjal kimiku jew polpa tessili) jistgħu jintużaw, bil-kundizzjoni li l-piż totali tagħhom ma jaqbiżx 10 % tal-piż tal-ħajt.

Eżempju:

Drapp tas-suf, tal-intestatura 5112, magħmul minn ħajt tas-suf tal-intestatura 5107 u ħajt sintetiku ta' fibri prinċipali tal-intestatura 5509, huwa drapp imħallat. Għalhekk, il-ħajt sintetiku li ma jissodisfax ir-regoli tal-oriġini (li jeħtieġu manifattura minn materjal kimiku jew polpa tessili), jew ħajt tas-suf li ma jissodisfax ir-regoli tal-oriġini (li jeħtieġu manifattura minn fibri naturali, mhux imqardxa jew mimxuta jew ippreparati b'xi mod ieħor għall-għażil), jew taħlita tat-tnejn, jista' jintuża, bil-kundizzjoni li l-piż totali tagħhom ma jaqbiżx l-10 fil-mija tal-piż tad-drapp.

Eżempju:

Drapp ittaftjat, tal-intestatura 5802, magħmul minn ħajt tal-qoton tal-intestatura 5205 u drapp tal-qoton tal-intestatura 5210, ikun prodott imħallat biss jekk id-drapp tal-qoton ikun fih inqas drapp imħallat magħmul minn ħjut ikklassifikati taħt żewġ intestaturi separati, jew jekk il-ħjut tal-qoton li jintużaw ikunu huma stess taħlitiet.

Eżempju:

Jekk id-drapp ittaftjat ikkonċernat ikun ġie magħmul minn ħajt tal-qoton tal-intestatura 5205 u drapp sintetiku tal-intestatura 5407, f'dak il-każ, ovvjament, il-ħjut użati huma żewġ materjali tessili bażiċi separati u d-drapp ittaftjat huwa, għalhekk, prodott imħallat.

5.3. Fil-każ ta' prodotti li fihom "ħajt magħmul mill-polyurethane segmentat b'segmenti flessibbli ta' polyether, sew jekk gimped kif ukoll jekk le, din it-tolleranza hija 20 fil-mija fir-rigward ta' dan il-ħajt.

5.4. Fil-każ ta' prodotti li fihom "strippa li tikkonsisti minn qalba ta' tertuqa tal-aluminju jew qalba ta' tertuqa tal-plastik sew jekk miksija bit-trab tal-aluminju kif ukoll jekk le, wiesgħa mhux aktar minn 5 mm, miżmuma permezz ta' kolla trasparenti jew kulurita bejn żewġ fillieri ta' tertuqa tal-plastik", din it-tolleranza hija 30 fil-mija fir-rigward ta' din l-istrippa.

Nota 6:

6.1. Fejn, fil-lista, issir referenza għal din in-Nota, jista' jintuża materjal tessili (ħlief inforri u drapp barrani miżjud bejn l-inforra u d-drapp), li ma jissodisfax ir-regola stabbilita fil-kolonna 3 għall-prodott ikkonċernat, bil-kundizzjoni li jkun ikklassifikat f'intestatura li ma tkunx dik tal-prodott u li l-valur tiegħu ma jaqbiżx it-tmienja fil-mija tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott.

6.2. Mingħajr preġudizzju għan-Nota 6.3, materjal li ma jkunx ikklassifikat fi ħdan il-Kapitoli 50 sa 63, jista' jintuża liberament fil-manifattura ta' prodotti tessili, sew jekk ikun fih tessuti kif ukoll jekk le.

Eżempju:

Jekk xi regola fil-lista tistipula li, għal oġġett tessili partikolari (pereżempju qalziet), għandu jintuża l-ħajt, dan ma jfissirx li ma jistgħux jintużaw oġġetti tal-metall, bħal buttuni, minħabba li l-buttuni mhumiex ikklassifikati taħt il-Kapitoli 50 sa 63. Għall-istess raġuni, dan ma jimpedix l-użu ta' żippijiet, anki jekk iż-żippijiet normalment ikun fihom id-drapp.

6.3. Fejn tapplika regola dwar perċentwali, il-valur tal-materjal li mhuwiex ikklassifikat fi ħdan il-Kapitoli 50 sa 63 għandu jiġi kkunsidrat meta jiġi kkalkulat il-valur tal-materjal li ma joriġinax li jkun inkorporat.

ANNESS II

LISTA TAX-XOGĦOL JEW PROĊESSI MEĦTIEĠA LI JSIRU FUQ MATERJALI LI MA JORIĠINAWX SABIEX IL-PRODOTT MANIFATTURAT IKUN JISTA' JIKSEB L-ISTATUS TA' ORIĠINI

Jista' jkun li l-prodotti msemmija fil-lista ma jkunux kollha koperti b'dan il-Ftehim. Għaldaqstant huwa neċessarju li jiġu kkonsultati l-partijiet l-oħrajn ta' dan il-Ftehim.

Intestatura ta' SA Nru.	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, magħmul fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti l-istatus ta' oriġini	
(1)	(2)	(3) jew	(4)
Kapitolu 1	Annimali ħajjin	L-annimali kollha tal-Kapitolu 1 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox	
Kapitolu 2	Laħam u ġewwieni li jittiekel	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitoli 1 u 2 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox	
Kapitolu 3	Ħut u krustaċej, molluski u annimali invertebrati oħra li jgħixu fl-ilma.	Il-materjali kollha tal-Kapitolu 3 użati għandhom ikunu kollha miksuba għal kollox	
ex Kapitolu 4	Prodotti tal-ħalib; bajd tat-tjur; għasel naturali; prodotti tajbin għall-ikel ġejjin minn annimali, li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox	
0403	Xorrox tal-butir, baqta u krema, jogurt, kefir u ħalib u krema oħra fermentati jew li saru aċidużi, kemm jekk konċentrati jew le jew biz-zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew imħawwrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw	Manifattura li fiha: – il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox; – kwalunkwe tip ta' meraq tal-frott (għajr tal-pineapple, tal-lajm jew tat-tronġa) tal-intestatura Nru 2009 li jintuża jrid ikun diġà ta' oriġini; – il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użat ma jaqbiżx 30% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
Kapitolu 5	Prodotti li ġejjin minn annimali, li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 5 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox	
Kapitolu 6	Siġar ħajjin u pjanti oħrajn; basal, għeruq u bħalhom; fjuri maqtugħin u weraq ornamentali	Manifattura li fiha: – il-materjali kollha tal-Kapitolu 6 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox; – il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx 50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
Kapitolu 7	Veġetali u ċerti għeruq u tuberi tajbin għall-ikel	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 7 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox	
Kapitolu 8	Frott u ġewż tajbin għall-ikel; qoxra tal-frott taċ-ċitru jew bettieħ	Manifattura li fiha: – il-frott u l-ġewż kollu użat għandu jinkiseb fis-sħiħ; – il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx 30 % tal-valur tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
ex Kapitolu 9	Kafè, te, matè u ħwawar; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 9 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox	

(1)	(2)	(3) jew (4)	
0901	Kafè, kemm jekk inkaljat jew bil-kaffeina mneħħija jew le; għajra u qxur tal-kafè; sostituti tal-kafè li fihom kafè f'xi proporzjon	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	
ex 0902	Te, kemm jekk imħawwar jew le, għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	
0902 10	Te aħdar (mhux iffermentat) f'pakketti immedjati ta' kontenut mhux aktar minn 3kg	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 9 użati huma miksuba għal kollox	
0910 91	Taħlitiet ta' ħwawar	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	
Kapitolu 10	Ċereali	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 10 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox	
ex Kapitolu 11	Prodotti tal-industrija tat-tħin; malt; lamti; inulina; glutina tal-qamħ; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitoli 7, 8, 10, 11 u 23 huma miksuba għal kollox	
1106 10	Dqiqijiet, tħin oħxon u trab tal-ħxejjex leguminużi mnixxfin tal-intestatura Nru 0713	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	
Kapitolu 12	Żrieragħ u frott żejtnin; diversi qmuħ, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u magħlef	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 12 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox	
1301	Gommalakka; gomom naturali, rażi, rażi tal-gomma u oleorežini (pereżempju, balzmi)	Manifattura fejn il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-intestatura Nru 1301 użati ma jistgħux jaqbżu 50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
ex 1302	Likwidi tal-ħaxix u estratti; sustanzi pektiċi, pektinati u pektati; agar u muċilaġni u materjali li jħaxxnu, modifikati jew le, derivati minn prodotti veġetali, għajr:	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex-works tal-prodott	
1302 19	Linfi u estratti tal-ħxejjex; oħrajn	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dawk tas-subintestatura 1211 20	
1302 31, 1302 32 u 1302 39	Muċilaġni u sustanzi li jgħaqqdu, modifikati, li jinkisbu minn prodotti tal-ħxejjex	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	
Kapitolu 14	Materjali veġetali tat-trizza; prodotti veġetali li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 14 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox	
ex Kapitolu 15	Xaħam u żjut tal-annimali u tal-ħaxix u l-prodotti mifruqin tagħhom; xaħmijiet li jittieklu mħejjija; xama' ta' oriġini mill-annimali jew mill-ħaxix; għajr għal:	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	
1501	Xaħam tal-majjal (inkluż ix-xaħam) u xaħam tat-tjur, għajr dak tal-intestatura Nru 0209 jew 1503:	Il-manifattura minn laħam jew ġewwieni li jittiekel tal-ħnieżer tal-intestatura Nru 0203 jew 0206 jew ta' laħam u ġewwieni li jittiekel tat-tjur tal-intestatura Nru 0207. Madankollu għadam tal-intestatura 0506 ma jistax jintuża	
1502	Xaħam ta' annimali tal-frat, nagħaġ jew mogħoż, għajr dawk tal-intestatura Nru 1503	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 2 użati u għadam tal-intestatura 0506 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox	

(1)	(2)	(3) jew (4)	
1504	Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, ta' ħut jew mammiferi tal-baħar, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	
1505	Grass tas-suf u sustanzi tax-xaħam li ġejjin minnhom (li jinkludi l-lanolin)	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	
1506	Xaħmijiet u żjut oħra ta' annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	
1507 sa ex 1515	Żjut veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom:	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	
1509 u 1510	Żejt taż-żebbuġa u l-frazzjonijiet tiegħu, żjut oħrajn u l-frazzjonijiet tagħhom miksuba biss miż-żebbuġ	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-ħxejjex użati għandhom ikunu miksuba għal kollox	
1515 50	Żejt tal-ġulġlien u l-frazzjonijiet tiegħu	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dawk tal-Kapitolu 12.	
1516	Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ta' veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom, parzjalment jew kompletament idroġenati, inter-esterifikati, ri-esterifikati jew elajdinizzati, raffinati jew le, iżda mhux preparati aktar	Manifattura li fiha: – il-materjali kollha tal-Kapitolu 2 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox, u – il-materjali veġetali użati fil-Kapitoli 7, 8, 10, 15, u 23 għandhom ikunu miksuba għal kollox. Madankollu, il-materjali tal-intestaturi 1507, 1508, 1511 u 1513 jistgħu jintużaw	
1517	Marġerina; taħlitiet jew preparazzjonijiet tajbin għall-ikel ta' xaħmijiet jew żjut ta' annimali jew veġetali jew ta' frazzjonijiet ta' xaħmijiet u żjut differenti ta' dan il-Kapitolu; oħrajn minbarra xaħmijiet u żjut tajbin għall-ikel jew il-frazzjonijiet tagħhom tal-intestatura Nru 1516	Manifattura li fiha: – il-materjali kollha tal-Kapitoli 2 u 4 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox, – il-materjali veġetali użati fil-Kapitoli 7, 8, 10, 15, u 23 għandhom ikunu miksuba għal kollox. Madankollu, il-materjali tal-intestaturi 1507, 1508, 1511 u 1513 jistgħu jintużaw	
Kapitolu 16	Preparazzjonijiet ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħra	Manifattura: – minn annimali tal-Kapitolu 1, u/jew, – fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 3 għandhom ikunu miksuba għal kollox.	
ex Kapitolu 17	Zokkor u ħelu taz-zokkor; għajr:	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	
1701 91	Zokkor tal-kannamieli jew tal-pitravi u sakkarożju kimikament pur, f'forma solida, mingħajr żieda ta' sustanzi tat-togħma jew koloranti	Manifattura fejn il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx 30% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
1702	Zokkrijiet oħrajn, inklużi lattożju kimikament pur, maltożju, glukożju u fruttożju, f'forma solida; ġulepp miz-zokkor mingħajr sustanzi miżjuda għat-togħma jew għall-kulur; għasel artifiċjali, imħallat jew le mal-għasel naturali; karamel:		

(1)	(2)	(3) jew (4)	
	- Maltożju u fruttożju kimikament puri	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura inklużi materjali oħra tal-intestatura Nru 1702	
	- Zokkrijiet oħra, f'forma solida, biżżieda ta' sustanzi tat-togħma jew koloranti	Manifattura fejn il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx 30% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
	- Oħrajn	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati jridu jkunu diġà oriġinarji	
ex 1703	Molassa miksuba mill-estrazzjoni jew ir-raffinar taz-zokkor, mogħtija t-togħma jew il-kulur	Manifattura fejn il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx 30% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
1704	Ħelu (inkluża ċ-ċikkulata bajda), li ma fihx kawkaw	Manifattura li fiha: – il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott, – il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użat ma jaqbiżx 30% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
Kapitolu 18	Kawkaw u preparati mill-kawkaw	Manifattura li fiha: – il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott, – il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użat ma jaqbiżx 30% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
1901	Estratt tax-xgħir; preparati ta' ikel tad-dqiq, estratt tal-lamtu jew tax-xgħir li ma fihomx kawkaw jew għandhom inqas minn 40% tal-piż tal-kawkaw ikkalkulat fuq bażi bix-xaħam imneħħi totalment, għajr jekk speċifikati jew inklużi band'oħra; tħejjijiet tal-ikel ta' oġġetti li jidhru taħt l-intestatura Nri 0401 sa 0404, li ma fihomx kawkaw jew fihom anqas minn 5 % kawkaw bil-piż ikkalkulati fuq bażi bix-xaħam imneħħi kompletament, li ma humiex speċifikati jew inklużi xi mkien ieħor:	Manifattura: – li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott, – Fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 4, intestatura 1006 u tal-Kapitolu 11 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox, – fejn il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użat ma jaqbiżx 30% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
ex 1902	Għaġin, imsajjar jew le jew mimli (billaħam jew sustanzi oħrajn) jew preparat mod ieħor, bħal spagetti, imqarrun, taljarini (noodles), lażanji, injokki, ravjul, kannelloni; kuskus, kemm jekk ippreparati u kemm jekk le, għajr:	Manifattura li fiha: – iċ-ċereali u d-derivattivi kollha (għajr qamħ tal-Awstralja u d-derivattivi tiegħu) tal-Kapitolu 10 u 11 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox, u – -il-materjali kollha tal-Kapitoli 2 u 3 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox jekk jirrappreżentaw aktar minn 20% tal-piż tal-prodott	
ex 1902 19	Noodles, nejjin, imnixxfa u mhux mimlija, miksuba mid-dqiq minbarra dak tas-'smid tal-qamħ tal-Awstralja'	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	

(1)	(2)	(3) jew	(4)
ex 1902 30	Ramen, ⊗noodles li jsiru malajr, imsajrin fuq in-nar jew moqlijin, u ppakkjati bi ħwawar imħawdin, li jinkludu trab tal-bżar jahraq, melħ, trab togħma ta' tewm u bażi tat-togħma	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	
1903	Tapjoka u sostituti tagħha ppreparati minn lamtu, f'forma ta' qxur, frak, granulat, marbul jew f'forom simili	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura għajr lamtu tal-patata tal-intestatura Nru 1108	
1904	Ikel ippreparat miksub min-nefħa jew mix-xiwi ta' ċereali jew prodotti taċ-ċereali (pereżempju, kornflejks); ċereali (għajr qamħirrun (qamħ)) f'forma ta' granulat, jew f'forma ta' biċċiet jew granulati oħra maħduma (għajr dqiq), imsajra minn qabel, jew ippreparati b'xi mod ieħor, għajr jekk speċifikati jew inklużi band'oħra	Manifattura: – minn materjali mhux klassifikati taħt l-intestatura No 1806, – fejn iċ-ċereali kollha u d-dqiq (għajr qamħ tal-Awstralja u d-derivattivi tiegħu u l-qamħirrun Zea indurata) tal-Kapitolu 10 u 11 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox, u – fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx 30 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
ex 1905	Ħobż, għaġina, kejkijiet, gallettini u prodotti oħra tal-furnara, kemm jekk jinkludu kawkaw jew le; ostji tat-tqarbin, kapsuli vojta tat-tip adattat għall-użu farmaċewtiku, sealing wejfers, karti tal-ostji u prodotti simili, għajr:	Manifattura li fiha l-prodotti kollha tal-Kapitolu 11	
ex 1905 90	Oġġetti magħmula bir-ross tal-furnara	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	
ex Kapitolu 20	Preparati ta' ħxejjex, frott, lewż jew partijiet oħra ta' pjanti; għajr:	Manifattura li fiha: – il-frott, il-lewż u l-ħxejjex kollha tal-Kapitolu 7, 8 u 12 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox, u – fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx 30 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
2006	Ħxejjex, frott, lewż, qxur tal-frott u partijiet oħra ta' pjanti, ippreżervati biz-zokkor (imsaffija, glacé jew kristallizzati)	Manifattura fejn il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx 30% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
2007	Ġammijiet, ġeli tal-frott, marmellati, purée tal-frott jew tal-lewż u pejsts tal-frott jew tal-lewż, li huma preparati msajra, kemm jekk fihom jew ma fihomx zokkor jew dolċifikanti oħra miżjuda	Manifattura li fiha: – il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; – il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użat ma jaqbiżx 30% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	

(1)	(2)	(3) jew (4)	
2008 11	Frott, ġewż, lewż u frott ieħor jixbhu u partijiet oħrajn tajbin għall-ikel ġejjin mill-pjanti, li jiġu ppreparati u ppreżervati, li jkun fihom jew ma fihomx zokkor miżjud jew sustanzi jew spirti biex jagħmlu ħelu, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra; karawett	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	
2008 19	Frott, ġewż, lewż u frott ieħor jixbhu u partijiet oħrajn tajbin għall-ikel ġejjin mill-pjanti, li jiġu ppreparati u ppreżervati, li jkun fihom jew ma jifhomx zokkor miżjud jew sustanzi jew spirti biex jagħmlu ħelu, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra; oħrajn, li jinkludu taħlitiet	Manifattura fejn il-valur tal-lewż u żżejt taż-żerriegħa oriġinati tal-intestaturi Nru 0801, 0802 u 1202 sa 1207 użati jaqbeż 60% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
2008 91, 2008 92, u 2008 99	Frott, ġewż, lewż u frott ieħor jixbhu u partijiet oħrajn tajbin għall-ikel ġejjin mill-pjanti, li jiġu ppreparati u ppreżervati, li jkun fihom jew ma fihomx zokkor miżjud jew sustanzi jew spirti biex jagħmlu ħelu, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra; oħrajn, li jinkludu taħlitiet oħrajn minbarra dawk fl-intestatura 2008 19.	Manifattura: – li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott, – li fiha l-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użat ma jaqbiżx 30% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
2009	Meraq tal-frott (inkluż il-most tal-għenba) u meraq mill-ħxejjex, mhux iffermentat u mingħajr spirtu miżjud, sew jekk fihom zokkor miżjud jew xi sustanza oħra ta' ħlewwa sew jekk le	Manifattura: – li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott, – li fiha l-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użat ma jaqbiżx 30% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
ex Kapitolu 21	Preparati mixxellanji li jittieklu; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	
ex 2103	Zlazi u preparati għalihom; kondimenti mħallta u ħwawar imħallta, għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, jista' jintuża dqiq jew tħin oħxon tal-mustarda jew mustarda ppreparata	
2103 30	Dqiq u tħin oħxon tal-mustarda u mustarda ppreparata	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	
2103 90	Oħrajn	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	
2104 10	Sopop u brodu u preparati għalihom	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura għajr ħxejjex ippreparati jew tal-intestaturi Nru 2002 sa 2005	
2105	Ġelat jew silġ ieħor li jittiekel, li fih il-kawkaw jew le	Manifattura li fiha: – li fiha l-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 4 użat ma jaqbiżx 30% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott, – li fiha l-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użat ma jaqbiżx 30% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
2106	Preparati tal-ikel mhux imsemmija jew inklużi band'oħra	Manifattura: – li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott,	

(1)	(2)	(3) jew	(4)
		– li fiha l-materjali kollha fl-intestaturi 1211 20 u 1302 19 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox – li fiha l-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 4 użat ma jaqbiżx 30% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott, – li fiha l-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użat ma jaqbiżx 30% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
ex Kapitolu 22	Xarbiet, spirti u ħall; għajr:	Manifattura li fiha: – il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; – l-għeneb kollu jew kwalunkwe materjal derivat mill-għeneb użat irid ikun kollu miksub għal kollox	
2202	Ilmijiet, inkluż ilmijiet minerali u ilmijiet miżjuda bl-arja, biz-zokkor jew dolċifikanti oħra miżjuda jew bit-togħma, u xarbiet oħra mhux alkoħoliċi, li ma jinkludux meraq tal-frott jew ħaxix tal-intestatura Nru 2009	Manifattura: – li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott, – li fiha l-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użat ma jaqbiżx 30% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott, – kwalunkwe meraq tal-frott li jintuża (għajr meraq tal-larinġ, l-għeneb, il-pineapple, l-ixkomp u tronġa) irid ikun diġà oriġinarju, u – li fiha l-materjali kollha fl-intestaturi 1211 20 u 1302 19 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox	
2207	Alkoħol etiliku mhux denaturizzat ta' saħħa alkoħolika bħala volum ta' 80% vol jew ogħla; alkoħol etiliku u spirti oħra, denaturati, ta' kwalunkwe grad	Manifattura: – minn materjali mhux klassifikati taħt testaturi 2207 jew 2208, u – fejn l-għeneb kollu jew kwalunkwe materjal derivat mill-għeneb użat għandu jkun miksub għal kollox	
2208	Alkoħol etiliku mhux żnaturat ta' qawwa alkoħolika, bil-volum, ta' anqas minn 80% vol; spirti, likuri u xorb ieħor spirituż	Manifattura: – minn materjali mhux klassifikati taħt l-intestaturi Nri 2207 jew 2208, u – fejn l-għeneb kollu jew kwalunkwe materjal derivat mill-għeneb użat għandu jkun miksub għal kollox	
ex Kapitolu 23	Residwi u skart mill-industriji tal-ikel; għalf għall-annimali ppreparat; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	

(1)	(2)	(3) jew (4)	
ex 2301	Ħin mill-baleni; dqiqijiet, ħin u pritkuni tal-ħut jew tal-krustaċji, molluski jew invertebrati akwatiċi oħra, li ma jistgħux jittieklu mill-bnedmin	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitoli 2 u 3 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox	
2303 10	Residwi mill-manifattura tal-lamtu u residwi simili	Manifattura fejn il-qamħirrun kollu użat irid ikun miksub għal kollox	
2306 90	Oil cake u fdalijiet solidi oħra, miżħunin jew le jew f'forma ta' pritkuni, li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żjut jew xaħmijiet tal-ħxejjex, minbarra dawk fl-intestatura 2304 jew 2305; oħrajn	Manifattura fejn iż-żebbuġ kollu tal-Kapitolu 7 użat irid ikun miksub għal kollox	
2309	Preparati tat-tip użat għall-għalf ta' annimali	Manifattura li fiha - l-materjali kollha tal-Kapitoli 2, 3, 4, 10, 11 u 17 użati jridu jkunu diġà oriġinarji	
ex Kapitolu 24	Tabakk u sostituti tat-tabakk manifatturati; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 24 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox	
2402	Sigarri, cheroots, cigarillos u sigarretti, tat-tabakk jew sostituti tat-tabakk	Manifattura fejn minn tal-inqas 70% bil-piż tat-tabakk mhux manifatturat jew skart tat-tabakk tal-intestatura Nru 2401 użat irid ikun diġà joriġina	
2403 10	Tabakk tat-tipjip	Manifattura fejn minn tal-inqas 70% bil-piż tat-tabakk mhux manifatturat jew skart tat-tabakk tal-intestatura Nru 2401 użat irid ikun diġà joriġina	
ex Kapitolu 25	Melħ; kubrit; ħamrija u ġebel; materjali tal-kisi, ġir u siment; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	
2504 10	Grafit naturali taħt forma ta' trab jew biċċiet	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura.	
2515 12	Irħam u travertina, sempliċiment maqtugħ, bl-isserrar jew b'mod ieħor, fi blokki jew folji ta' forma rettangolari (inkluża skwerra)	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura.	
2516 12	Irħam, sempliċiment maqtugħ, bl-isserrar jew b'mod ieħor, fi blokki jew folji ta' forma rettangolari (inkluża skwerra)	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura.	
2518 20	Dolomit kalċinat jew magħqud bis-sħana	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura.	
ex 2519	Karbonat tal-manjeżju naturali mfarrak (magnesite), f'kontenituri issiġillati ermetikament, u ossidu tal-menjesju, sew jekk pur jew le, li mhux manjesja mdewba bis-sħana jew majesja dead-burned (magħquda bis-sħana)	Manifattura li fiha l-materjali użati kollha huma kklassifikati fi ħdan l-intestatura għajr dik tal-prodott. Minkejja dan, magnesium carbonate (magnesite) naturali jista' jintuża	
ex 2520 20	Ġibsijiet preparati speċifikament għad-dentistrija	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex-works tal-prodott	
2525 20	Trab tal-majka	Ħin tal-majka jew skart tal-majka	
ex 2530 90	Pigmenti naturali, kalċinat jew trab	Riduzzjoni fi trab jew ħin tal-kuluri tal-art	

(1)	(2)	(3) jew	(4)
Kapitolu 26	Metalli, fdalijiet u rmied	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	
Kapitolu 27	Karburanti minerali, żjut minerali u prodotti tad-distillazzjoni tagħhom; sustanzi bituminużi; xema' minerali.	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura.	
Kapitolu 28	Kimiċi inorganiċi; sustanzi organiċi jew inorganiċi ta' metalli prezzjużi, ta' metalli rari, ta' elementi radjuattivi jew ta' iżotopi;	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, materjali klassifikati taħt l-istess intestatura jistgħu jintużaw sakemm il-valur tagħhom ma jaqbiżx 20% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
ex Kapitolu 29	Kimiċi organiċi; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, materjali klassifikati taħt l-istess intestatura jistgħu jintużaw sakemm il-valur tagħhom ma jaqbiżx 20% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
ex 2905 19	Alkoħolati metalliċi ta' alkoħol ta' din l-intestatura u tal-etanol	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inklużi materjali oħra tal-intestatura Nru 2905. Madankollu, l-alkoħolati tal-metall ta' din l-intestatura jistgħu jintużaw, jekk il-valur tagħhom ma jaqbiżx 20 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
2915	Aċidi aċikliċi monocarbossilċi saturati u l-anidridi tagħhom, halides, perossidi u perossiaċidi; id-derivattivi ħaloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura. Madankollu, il-valur tal-materjali kollha ta' testaturi Nru 2915 u 2916 użati ma jistax jaqbeż 20% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
ex 2932	- Eteri interni u d-derivattivi ħaloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura. Madankollu, il-valur tal-materjali kollha tal-intestatura Nru 2909 użati ma jistax jaqbeż 20 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
	- Aċetali ċikliċi u hemiaċetali interni u d-derivattivi ħaloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
2933	Komposti eteroċikliċi b'etero-atomu(i) tan-nitroġenu biss	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura. Madankollu, il-valur tal-materjali kollha ta' testaturi Nru 2932 u 2933 użati ma jistax jaqbeż 20% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
2934	Aċidi nuklejċi u l-imluħa tagħhom, definiti kemikalment jew le; komposti eteroċikliċi oħra	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura. Madankollu, il-valur tal-materjali kollha ta' testaturi Nru 2932, 2933 u 2934 użati ma jistax jaqbeż 20% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
ex Kapitolu 30	Prodotti farmaċewtiċi; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, materjali klassifikati taħt l-istess intestatura jistgħu jintużaw sakemm il-valur tagħhom ma jaqbiżx 20% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	

(1)	(2)	(3) jew (4)	
3001	Glandoli u organi oħrajn għal użi organoterapewtiċi, imnixxfa, mgħottijin bit-trab jew le; estratti ta' glandoli jew organi oħrajn jew tat-tnixxijiet tagħhom għal użi organoterapewtiċi; sustanzi umani jew tal-annimali oħrajn ippreparati għal użi terapewtiċi jew profilattiċi, mhux speċifikati jew inklużi mkien iehor.	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	
3002	Demm uman; demm tal-annimali ppreparat għall-użu terapewtiku, profilattiku jew dijanjostiku; antisera u frazzjonijiet oħra tad-demm u prodotti immunoloġiċi modifikati, kemm jekk miksuba minn proċessi bijoteknoloġiċi u kemm jekk le; vaċċini, tossini, kolturi ta' mikro-organiżmi (eskluži mofof) u prodotti simili:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	
3006 91	Tagħmir identifikabbli għall-ostomija	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
ex Kapitolu 31	Fertilizzanti; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, materjali klassifikati taħt l-istess intestatura jistgħu jintużaw sakemm il-valur tagħhom ma jaqbiżx 20% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
ex 3105	Fertilizzanti minerali jew kimiċi li jinkludu tnejn jew tlieta mill-elementi fertilizzanti nitroġenu, fosfru u potassju; fertilizzanti oħra; oġġetti ta' dan il-Kapitolu, f'pilloli jew forom simili jew f'pakketti ta' piż gross li ma jaqbiżx 10kg, għajr: – nitrat tas-sodju – ċjanamid tal-kalċju – potassju tas-sulfat – potassju tas-sulfat tal-manjeżju	Manifattura: – li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura oħra għajr dik tal-prodott. Madankollu, materjali klassifikati taħt l-istess intestatura jistgħu jintużaw sakemm il-valur tagħhom ma jaqbiżx 20 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott; u – fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
ex Kapitolu 32	Estratti għall-ikkonzar jew kolorazzjoni; tannini u d-derivattivi tagħhom; żebgħat, pigmenti u materja oħra koloranti; żebgħat u verniċi; stokk u mastiċi oħrajn; linek; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, materjali klassifikati taħt l-istess intestatura jistgħu jintużaw sakemm il-valur tagħhom ma jaqbiżx 20% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
ex 3201	Tannini u l-imluħa tagħhom, eteri, esteri u derivattivi oħra	Manifattura minn estratti għall-ikkonzar ta' oriġini veġetali	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott

(1)	(2)	(3) jew	(4)
3204	Materjali organiċi sintetiċi tal-kulur, definiti kimikament jew le; preparazzjonijiet bħalma huma speċifikati f'nota 3 ta' dan il-Kapitolu ibbażati fuq materjali organiċi sintetiċi tal-kulur; prodotti organiċi sintetiċi tat-tipi użati bħala aġenti fluworexxenti li jdawlu aktar jew bħala luminofori, kimikament definiti jew le	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
3205	Għadajjar tal-kulur; ippreparati kif speċifikat f'Nota 3 għal dan il-Kapitolu bbażata fuq għadajjar tal-kulur [1]	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr testaturi Nru 3203, 3204 u 3205. Madankollu, materjali ml-intestatura Nru 3205 jistgħu jintużaw sakemm il-valur tagħhom ma jaqbiżx 20 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
8542 31 sa 8542 33 u 8542 39	Ċirkuwiti monolitiċi integrati	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott or L-operazzjoni tad-diffużjoni, li fiha ċirkwiti integrati huma ffurmati fuq sottostrat semikunduttur permezz tal-introduzzjoni selettiva ta' dopant xieraq, immuntat jew le u/jew ittestjat f'*non-party*	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-45 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
8544	Wajer iżolat (inkluż dak enamelizzat jew anodizzat), kejbil iżolat (inkluż kejbil koassjali) u kondutturi elettriċi iżolati oħra, kemm jekk mgħammra b'konnetturi u kemm jekk le; kejbils tal-fibra ottika, magħmula minn fibri miksija individwalment, kemm jekk immuntati b'kondutturi elettriċi jew mgħammra b'konnetturi u kemm jekk le	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
8545	Elettrodi tal-karbonju, xkupilji tal-karbonju, lampi tal-karbonju, karbonji tal-batteriji u oġġetti oħra tal-grafit jew karbonju ieħor, bil-metall jew mingħajru, ta' tip użat għall-elettriku	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
8546	Iżolaturi elettriċi ta' kull materjal	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-45 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
8547	Fittings iżolanti għal magni, strumenti jew tagħmir elettriku, liema fittings ikunu magħmula kompletament minn materjali li jiżolaw għajr komponenti żgħar tal-metall (pereżempju, sokits bil-kamin) inkorporati waqt li jkunu ffurmati għal skopijiet ta' mmuntar biss, għajr minn iżolaturi tal-intestatura Nru 8546; kondjuwit tal-elettriku u ġonot li jmorru miegħu, ta' metall komuni miksi b'materjal għall-insulazzjoni	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-45 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
8548	Skart u fdalijiet ta' ċelluli primarji, batteriji primarji u akkumulaturi tal-elettriku; ċelluli primarji maħruqin, batteriji primarji u akkumulaturi tal-elettriku li jkunu spiċċaw; partijiet elettriċi ta' makkinarju jew tagħmir, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra f'dan il-Kapitolu	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-45 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	

(1)	(2)	(3) jew (4)	
ex Kapitolu 86	Lokomotivi tal-ferrovija jew tat-tramm, magni u vaguni u partijiet tagħhom; tagħmir fiss u aċċessorji tal-binarji tal-ferrovija jew tat-tramm u partijiet minnhom; tagħmir mekkaniku (inkluż elettromekkaniku) għas-senjalar tat-traffiku ta' kull tip; għajr:	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
8601 10	Lokomotivi tal-linja li jingħataw l-enerġija minn sors estern ta' elettriku	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	
8603 10	Ferrovija li tinġibed minnha nfisha jew kowċijiet tat-tramm, vannijiet u trakkijiet, barra dawk tal-intestatura 8604, li jingħataw l-enerġija minn sors estern ta' elettriku	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	
8608	Oġġetti li jitwaħħlu u fittings tal-linji tal-ferrovija jew tat-tramm; sinjalizzazzjoni mekkanika (li jinkludi elettromekkanika), tagħmir għas-sigurtà jew għall-kontroll tat-traffiku; għall-ferroviji, trammijiet, toroq, passaġġi tal-ilma għal ġewwa l-art, faċilitajiet ta' parkeġġ, istallazzjonijiet tal-port jew għall-ajruport; partijiet minn dawn	Manifattura li fiha: – il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; – il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx 40% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
8701 sa 8707 u 8712	Vetturi oħra barra magni u vaguni tal-ferrovija u tat-tramm; bodis u xażi iffittjati b'magni għall-vetturi bil-mutur tal-intestaturi 8701 sa 8705; roti	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-45 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
8708 sa 8711 u 8713 sa 8716	Partijiet u aċċessorji għall-vetturi tal-intestaturi 8701 sa 8705 u 8711 sa 8713; motoċikletti; trakkijiet tax-xogħol u partijiet tagħhom; vaguni; vaguni tat-trabi u partijiet tagħhom; trejlers u semitrejlers u partijiet tagħhom	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura għajr dik tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
ex Kapitolu 88	Inġenji tal-ajru, vetturi spazjali, u partijiet ta' dawn; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
ex 8804 00	Rotochutes	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inkluži materjali oħra tas-subintestatura 8804	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
8805	Tagħmir għall-illanċjar ta' ajruplani; deck-arrestor jew tagħmir bħalu; tagħmir ta' simulazzjoni ta' titjir; partijiet mill-oġġetti ta' hawn fuq	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
Kapitolu 89	Vapuri, dgħajjes u strutturi galleġġjanti	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu bwieq tal-intestatura Nru 8906 ma jistgħux jintużaw	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
ex Kapitolu 90	Strumenti u tagħmir ottiċi, fotografiċi, ċinematografiċi, tal-kejl, tal-verifika, tal-preċiżjoni, mediċi jew kirurġiċi; partijiet u aċċessorji tagħhom; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-45 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott

(1)	(2)	(3) jew	(4)
9001	Fibri ottiċi u qatgħat ta' fibri ottiċi; kejbils ta' fibri ottiċi li mhumiex dawk tal-intestatura Nru 8544; folji u pjanċi ta' materjal li jippolarizza; lentijiet (inklużi lentijiet ta' kuntatt), priżmi, mirja u elementi ottiċi oħra, ta' kull materjal, mhux immuntati, barra minn elementi ta' ħġieġ li mhumiex maħduma ottikament	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
9002	Lentijiet, priżmi, mirja u elementi ottiċi oħra, ta' kull materjal, immuntati, li jkunu partijiet minn jew tagħmir għal strumenti jew apparat barra minn elementi ta' ħġieġ li mhumiex maħduma ottikament	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-45 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
9012	Mikroskopji barra mikroskopji ottiċi; tagħmir ta' difrazzjoni	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
9013	Apparati ta' kristall likwidu li ma jikkostitwixxux oġġetti ttrattati aktar speċifikament f'intestaturi oħra; lejżers, barra dajowds tal-lejżer; tagħmir ieħor ottiku u strumenti, mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor f'dan il-kapitolu	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
9020	Tagħmir ieħor ta' respirazzjoni u maskri tal-gass, esklużi maskri protettivi li la għandhom partijiet mekkaniċi u lanqas filtri li jistgħu jinbidlu	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
9022	Tagħmir ibbażat fuq l-użu tar-raġġi X jew ta' radjazzjonijiet alfa, beta jew gamma, għal użi mediċi, kirurġiċi, dentali jew veterinarji jew le, inkluż tagħmir ta' radjografija jew radjoterapija, tubi tar-raġġi X u ġeneraturi oħra tar-raġġi X, ġeneraturi ta' tensjoni għolja, pannelli tal-kontroll u skrivaniji, skrins, imwejjed tal-eżaminazzjoni jew tat-trattament, siġġijiet u bħalhom	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
9027	Strumenti u apparati għall-analiżi fiżika jew kimika (pereżempju, polarimetri, rifrattometri, spettrometri, apparat għall-analiżi tal-gass jew tad-duħħan); strumenti u tagħmir li jkejlu jew jikkontrollaw il-viskosità, il-porożità, l-espansjoni, it-tensjoni tal-wiċċ jew affarijiet simili; strumenti u tagħmir li jkejlu jew jikkontrollaw il-kwantitajiet ta' sħana, storbju jew dawl (inklużi metri tal-espożizzjoni); mikrotomi	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
9030	Oxxilloskopji, analizzaturi tal-ispettru u strumenti oħra u tagħmir għall-kejl jew għall-kontroll ta' kwantitajiet elettriċi, esklużi l-meters tal-intestatura 9028; strumenti u tagħmir għall-kejl jew għall-identifikazzjoni tar-radjazzjonijiet alfa, beta, gamma, raġġi X, kożmiċi jew radjazzjonijiet jonizzanti oħra	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott

(1)	(2)	(3) jew (4)	
9031	Strumenti għall-kejl jew għall-kontroll, tagħmir u magni, mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor f'dan il-kapitolu; proġetturi tal-profil	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
9032	Strumenti awtomatiċi li jirregolaw jew jikkontrollaw u tagħmir	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
ex Kapitolu 91	Arloġġi u arloġġi tal-idejn u partijiet tagħhom; għajr:	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz ex fabbrikatal-prodott	
9105	Arloġġi oħrajn	Manifattura: – fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx 40% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott; – fejn il-valur tal-materjali kollha li ma joriġinawx użati ma jaqbiżx il-valur tal-materjali oriġinarji użati	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
9109	Mekkaniżmi tal-arloġġi, kompluti u mmuntat	Manifattura: – fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx 40% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott; – fejn il-valur tal-materjali kollha li ma joriġinawx użati ma jaqbiżx il-valur tal-materjali oriġinarji użati	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
9110	Mekkaniżmi tal-arloġġi jew tal-arloġġi tal-idejn kompluti, mhux immuntati jew parzjalment immuntati biss (settijiet tal-mekkaniżmi); mekkaniżmi tal-arloġġi jew tal-arloġġi tal-idejn, immuntati; mekkaniżmi tal-arloġġi jew tal-arloġġi tal-idejn, mhux irfinuti	Manifattura: – fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx 40% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott; – fejn, fil-limitu ta' hawn fuq, il-materjali klassifikati fl-intestatura Nru 9114 huma użati biss sa valur ta' 10 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
9111	Kaxex tal-arloġġi tal-idejn u partijiet minnhom	Manifattura li fiha: – il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; – il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx 40% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
9112	Kaxex tal-arloġġi u kaxex ta' tip simili għal oġġetti oħra ta' dan il-Kapitolu, u partijiet minnhom	Manifattura li fiha: – il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; – il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx 40% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott

(1)	(2)	(3) jew	(4)
9113	Ċineg tal-arloġġi tal-idejn, ċineg tal-metall tal-arloġġi tal-idejn u brazzuletti tal-arloġġi tal-idejn, u biċċiet minnhom:		
ex 9113 10 u 9113 20	- Tal-metall komuni, kemm jekk ibbanjati bid-deheb jew bil-fidda kemm jekk le	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
	- Oħrajn	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
Kapitolu 92	Strumenti mużikali; partijiet u aċċessorji ta' dawn l-oġġetti	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
Kapitolu 93	Armi u munizzjon; bċejjeċ u aċċessorji tagħhom	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
ex Kapitolu 94	Għamara; friex, saqqijiet, irfid tas-saqqijiet, kuxxinetti u arredamenti mimlija simili; lampi u aċċessorji tad-dawl, li mhumiex imsemmija jew inklużi band'oħra; sinjali mdawla, pjanċi bl-isem imdawla u oġġetti simili; bini prefabbrikat; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott
9405	Lampi u fittings tad-dawl li jinkludu searchlights u spotlights u partijiet tagħhom; mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor; sinjali lluminati, lapidi illuminati u bħalhom, b'sors ta' dawl imwaħħal b'mod permanenti, u partijiet tagħhom mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
9406	Bini prefabbrikat	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
ex Kapitolu 95	Ġugarelli, logħob u materjal sportiv; partijiet u aċċessorji tagħhom; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	
ex 9503	Ġugarelli oħra; mudelli ta' daqs imċekken ("skala") u mudelli rikreattivi simili, kemm jekk jaħdmu u kemm jekk le; puzzles ta' kull tip	Manifattura li fiha: – il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; – il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx 50% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	

(1)	(2)	(3) jew (4)	
9506 31 u 9506 39	Bsaten tal-golf u partijiet minnhom	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, jistgħu jintużaw blokok mhux irfinuti fil-manifattura tal-irjus tal-bsaten tal-golf	
ex Kapitolu 96	Oġġetti fabbrikati varji; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	
9601 u 9602	Avorju, għadam, qoxra tal-fekruna,qran, qran imsaġġra, korall, madreperlau materjali oħra mill-annimali għat-tinqix,u oġġetti minn dawn il-materjali(inklużi oġġetti miksuba permezztal-ifformar). Materjal għat-tinqix ta' veġetali jew minerali maħdum u oġġetti ta' dawn il-materjali; oġġetti tax-xema, tal-istearin, tal-gomom naturali jew tarrażi naturali jew ta' pejsts għall-immudellar ifformati jew imnaqqxa, u oġġetti oħra fformati jew imnaqqxa, mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor; maħduma, ġelatina mhux iebsa (barra l-ġelatina tal-intestatura 3503) u oġġetti tal-ġelatina mhux iebsa	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	
ex 9603	Xkupi u xkupilji (għajr għal imsielaħ u oġġetti simili u xkupilji magħmula mix-xagħar tal-martora jew tal-iskojattlu), xkupi mekkaniċi tal-art li jitħaddmu bl-id, mhux motorizzati, pads taż-żebgħa u rollers, squeegees u moppijiet	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
9605	Settijiet tal-ivvjaġġar għat-twaletta personali, tal-ħjata jew tat-tindif taż-żraben jew ħwejjeġ	Kull biċċa fis-sett għandha tissodisfa r-regola li tapplika għaliha bħallikieku ma kienitx parti mis-sett. Madankollu, jistgħu jiġu inkorporati oġġetti li ma joriġinawx, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-15 % tal-prezz ex fabbrika tas-sett	
9606	Buttuni, molol jingħafsu, molol bilpressa u forom ta' buttuni u biċċiet oħra minn dawn l-oġġetti; mammi tal-buttuni	Manifattura li fiha: – il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; – il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx 50% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
9608	Ball-point pens; pinen bil-ponta talpannu u pinen u markers oħra bilponta poruża; pinen tal-linka, pinen stilografiċi u pinen oħrajn; duplicating stylos; lapsijiet bil-ponta li tinbidel jew li tiżżerżaq; pen-holders, pencil-holders u reċipjenti simili; biċċiet (inklużi kapep u klips) tal-oġġetti ta' hawn fuq, minbarra dawk tal-intestatura Nru 9609	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott. Madanakollu, jistgħu jintużaw ponot tal-pinen (nibs jew nib-points) tal-istess intestatura tal-prodott	

(1)	(2)	(3) jew (4)	
9612	Żigarelli tat-tajprajters jew żigarelli bħalhom, bil-linka jew ippreparati mod ieħor biex iħallu marka, kemm fuq irkiekel jew f'cartridges u kemm jekk le; pads tal-linka, bil-linka jew le, bil-kaxxa jew mingħajrha	Manifattura li fiha: – il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; – il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx 50% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
9613 20	Lajters qies tal-but, jieħdu fjuwil tal-gass, jistgħu jerġgħu jimtlew	Manifattura li fiha l-valur tal-materjali kollha tal-intestatura 9613 użati ma jaqbiżx it-30% tal- prezz ex fabbrika tal-prodott	
ex 9614	Pipi għat-tipjip u skutelli tal-pipi	Manifattura minn blokki b'forma mhux irfinata	
Kapitolu 97	Xogħlijiet ta' arti, biċċiet tal-kollezzjonisti u antikitajiet	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	

(1) Nota 3 għall-Kapitolu 32 tgħid li dawn il-preparazzjonijiet huma dawk ta' tip użat sabiex jingħata lewn lil kwalunkwe materjal jew li jintużaw bħala ingredjenti fil-manifattura ta' preparazzjonijiet tal-għoti ta' lewn, bil-kundizzjoni li ma jkunux ikklassifikati f'intestatura oħra fil-Kapitolu 32.
(2) "Grupp" huwa meqjus bħala kwalunkwe parti tal-intestatura sseparat mill-bqija b'semikowlin.
(3) Għal kundizzjonijiet speċjali relatati ma' prodotti magħmulin minn taħlita ta' materjali tessili, ara n-Nota Introduttorja 5.
(4) L-użu ta' dan il-materjal huwa ristrett għall-manifattura ta' drappijiet minsuġa ta' tip użat fil-makkinarju li jagħmel il-karta.
(5) Ara n-Nota Introduttorja 5
(6) Ara n-Nota Introduttorja 6
(7) Għall-oġġetti nnittjati jew tal-crochet, mhux elastici jew magħmulin mil-lastku miksubin mill-ħjata jew mill-armar ta' biċċiet ta' drapp innittjati jew crochet (li nqatgħu jew ġew innittjati direttament f'dik il-forma).
(8) SEMII – Istitut Inkorporat Tagħmir u Materjal Semikonduttur.

ANNESS II(A)

ADDENDUM GĦAL-LISTA TA' XOGĦOL JEW IPPROĊESSAR MEĦTIEĠ LI JSIR FUQ MATERJALI LI MA JORIĠINAWX SABIEX IL-PRODOTT MANIF ATTURAT IKUN JISTA' JIKSEB L-ISTATUS TA' ORIĠINI

Dispożizzjonijiet komuni

1. Għall-prodotti deskritti fit-tabella hawn taħt, ir-regoli li ġejjin jistgħu japplikaw ukoll flok ir-regoli elenkati fl-Anness II għall-prodotti li joriġinaw mill-Korea, madankollu limitati minn kwota annwali.

2. Prova tal-oriġini maħruġa skont dan l-Anness għandu jkollha l-istqarrija li ġejja bl-Ingliż: "Derogation – Annex II(a) of Protocol ... ".

3. Il-prodotti jistgħu jiġu importati fil-Parti tal-UE taħt dawn id-derogi permezz tal-proviżjoni ta' dikjarazzjoni ffirmata mill-esportatur approvat li jiċċertifika li l-prodotti kkonċernati jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-deroga.

4. Sakemm issir prova tal-oriġini għad-deroga fuq preparazzjonijiet tas-surimi (ex160420), il-prova ta' oriġini għandha ssir flimkien ma' evidenza dokumentarja li l-preparazzjoni tas-surimi hija magħmula minn tal-anqas 40 fil-mija ħut tal-piż tal-prodott u li l-ispeċi Alaska Pollak (theragra Chalcogramma) intużat bħala l-ingredjent primarju fil-bażi tas-surimi. [1]

5. Sakemm issir prova ta' oriġini għat-tessuti minsuġa miżbugħin (540822 u 540832) il-prova tal-oriġini għandha ssir flimkien ma' evidenza dokumentarja li t-tessut mhux miżbugħ użat ma jaqbiżx il-50 fil-mija tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika.

6. Fil-Parti tal-UE, kwalunkwe kwantità li għaliha saret referenza f'dan l-Anness għandha tiġi mmaniġġjata mill-Kummissjoni Ewropea, li għandha tieħu kull azzjoni amministrattiva li hija tikkunsidra li għandha tirrakkomanda għall-immaniġġjar effiċjenti tagħhom b'rispett għal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Parti tal-UE.

7. Il-kwoti indikati fil-lista hawn isfel għandhom jiġu mmaniġġjati mill-Kummissjoni Ewropea fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel. Il-kwantitajiet esportati mill-Korea għall-Parti tal-UE taħt dawn id-derogi għandhom jiġu kkalkulati fuq bażi tal-importazzjonijiet fil-Parti tal-UE.

Intestatura SA Nru.	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx li jikkonferixxi status ta' oriġini	Kwota Annwali għall-esportazzjonijiet mill-Korea fl-UE
(1)	(2)	(3)	(4)
ex1604 20	Preparazzjonijiet ta' surimi magħmula minn tal-anqas 40 % ħut tal-piż tal-prodott u li jużaw bħala ingredjent primarju fil-bażi tas-surimi l-ispeċi Alaska Pollak (theragra Chalcogramma). [1]	Manifattura minn materjali tal-Kapitolu 3	Kwota annwali għall-ewwel sena (1): 2 000 Tunnellata metrika Kwota annwali għat-tieni sena (2): 2 500 Tunnellata Metrika Kwota annwali mit-tielet sena (3) 'il quddiem: 3 500 Tunnellata Metrika
ex1905 90	Gallettini	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	Kwota annwali ta' 270 Tunnellata metrika
2402 20	Sigaretti li fihom it-tabakk	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	Kwota annwali ta' 250 Tunnellata metrika
5204	Ħajt għall-ħjata tal-qoton, ippreżentati għall-bejgħ bl-imnut jew le	Manifattura li fiha fibri diskontinwi magħmula mill-bniedem, mhux imqardxa jew mimxuta jew xort'oħra pproċessati għall-għażil	Kwota annwali ta' 86 Tunnellata metrika

[1] F'każ ta' ħtieġa, il-kunċett ta' ingredjent primarju għandu jiġi interpretat mill-Kumitat Doganali skont l-Artikolu 28 ta' dan il-Protokoll.

(1)	(2)	(3)	(4)
5205	Ħjut tal-qoton (barra ħajt tal-ħjata), li fihom 85 % jew aktar tal-piż tal-qoton, mhux ippreżentati għal bejgħ bl-imnut	Manifattura li fiha fibri diskontinwi magħmula mill-bniedem, mhux imqardxa jew mimxuta jew xort'oħra pproċessati għall-għażil	Kwota annwali ta' 2 310 Tunnellati metriċi
5206	Ħjut tal-qoton (barra ħajt tal-ħjata), li fihom anqas minn 85 % tal-piż tal-qoton, mhux ippreżentati għal bejgħ bl-imnut	Manifattura li fiha fibri diskontinwi magħmula mill-bniedem, mhux imqardxa jew mimxuta jew xort'oħra pproċessati għall-għażil	Kwota annwali ta' 377 Tunnellata metrika
5207	Ħjut tal-qoton (barra ħajt tal-ħjata) ippreżentati għal bejgħ bl-imnut	Manifattura li fiha fibri diskontinwi magħmula mill-bniedem, mhux imqardxa jew mimxuta jew xort'oħra pproċessati għall-għażil	Kwota annwali ta' 92 Tunnellata metrika
5408	Tessuti minsuġa ta' ħjut tal-filament magħmula mill-bniedem	Manifattura li fiha ħjut tal-filament magħmula mill-bniedem jew Tiżbigħ akkumpanjat b'minn tal-inqas żewġ (2) proċessi preparatorji jew ta' irfinar (bħal għarik, ibbliċjar, illostrar, issettjar bis-sħana, raising, mogħdija, proċessar biex ma jinxtorbux, irfinar permanenti, decatizing, ikkuttunar, tiswija u tislit) fejn il-valur tat-tessut mhux miżbugħ użat ma jaqbiżx 50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	Kwota annwali ta' 17 805 290 metru kwadru ekwivalenti (SME)
5508	Ħajt għall-ħjata ta' fibri diskontinwi magħmula mill-bniedem, ippreżentati għall-bejgħ bl-imnut jew le	Manifattura li fiha fibri diskontinwi magħmula mill-bniedem, mhux imqardxa jew mimxuta jew xort'oħra pproċessati għall-għażil	Kwota annwali ta' 286 Tunnellata metrika
5509	Ħjut mibruma (barra ħajt għall-ħjata) ta' fibri artifiċjali diskontinwi, mhux ippreżentati għall-bejgħ bl-imnut	Manifattura li fiha fibri diskontinwi magħmula mill-bniedem, mhux imqardxa jew mimxuta jew xort'oħra pproċessati għall-għażil	Kwota annwali ta' 3 437 Tunnellata metrika
5510	Ħjut mibruma (barra ħajt għall-ħjata) ta' fibri artifiċjali diskontinwi, mhux ippreżentati għall-bejgħ bl-imnut	Manifattura li fiha fibri diskontinwi magħmula mill-bniedem, mhux imqardxa jew mimxuta jew xort'oħra pproċessati għall-għażil	Kwota annwali ta' 1 718 Tunnellata metrika
5511	Ħjut mibruma (barra ħajt għall-ħjata) ta' fibri artifiċjali diskontinwi, mhux ippreżentati għall-bejgħ bl-imnut	Manifattura li fiha fibri diskontinwi magħmula mill-bniedem, mhux imqardxa jew mimxuta jew xort'oħra pproċessati għall-għażil	Kwota annwali ta' 203 Tunnellata metrika

([1]) Ara b'mod partikolari l-paragrafu 4 fid-dispożizzjonijiet komuni.

ANNESS III

TEST TAD-DIKJARAZZJONI TAL-ORIĠINI

Fid-dikjarazzjoni tal-oriġini, it-test mogħti hawn isfel għandu jiġi fformulat skont in-noti ta' qiegħ il-paġna. Madankollu, in-noti ta' qiegħ il-paġna m'għandhomx għalfejn jiġu riprodotti.

Verżjoni bil-Bulgaru

Износителят на продуктите, обхванати от този документ (митническо разрешение № … (1)) декларира, че освен където ясно е отбелязано друго, тези продукти са с … преференциален произход (2).

Verżjoni bl-Ispanjol

El exportador de los productos incluidos en el presente documento (autorización aduanera nº … (1)) declara que, salvo indicación en sentido contrario, estos productos gozan de un origen preferencial … (2).

Verżjoni biċ-Ċek

Vývozce výrobků uvedených v tomto dokumentu (číslo povolení … (1)) prohlašuje, že kromě zřetelně označených mají tyto výrobky preferenční původ v … (2).

Verżjoni bid-Daniż

Eksportøren af varer, der er omfattet af nærværende dokument, (toldmyndighedernes tilladelse nr. … (1)), erklærer, at varerne, medmindre andet tydeligt er angivet, har præferenceoprindelse i … (2).

Verżjoni bil-Ġermaniż

Der Ausführer (Ermächtigter Ausführer; Bewilligungs-Nr. … (1)) der Waren, auf die sich dieses Handelspapier bezieht, erklärt, dass diese Waren, soweit nicht anderes angegeben, präferenzbegünstigte … (2) Ursprungswaren sind.

Verżjoni bl-Estonjan

Käesoleva dokumendiga hõlmatud toodete eksportija (tolli kinnitus nr. … (1)) deklareerib, et need tooted on … (2) sooduspäritoluga, välja arvatud juhul kui on selgelt näidatud teisiti.

Verżjoni bil-Grieg

Ο εξαγωγέας των προϊόντων που καλύπτονται από το παρόν έγγραφο (άδεια τελωνείου υπ'αριθ. … (1)) δηλώνει ότι, εκτός εάν δηλώνεται σαφώς άλλως, τα προϊόντα αυτά είναι προτιμησιακής καταγωγής … (2).

Verżjoni bl-Ingliż

The exporter of the products covered by this document (customs authorisation No … (1)) declares that, except where otherwise clearly indicated, these products are of … (2) preferential origin.

Verżjoni bil-Franċiż

L'exportateur des produits couverts par le présent document (autorisation douanière nº … (1)) déclare que, sauf indication claire du contraire, ces produits ont l'origine préférentielle … (2).

Verżjoni bit-Taljan

L'esportatore delle merci contemplate nel presente documento (autorizzazione doganale n. … (1)) dichiara che, salvo indicazione contraria, le merci sono di origine preferenziale … (2).

Verżjoni bil-Latvjan

To produktu eksportētājs, kuri ietverti šajā dokumentā (muitas atļauja Nr. … (1)), deklarē, ka, izņemot tur, kur ir citādi skaidri noteikts, šiem produktiem ir preferenciāla izcelsme … (2).

Verżjoni bil-Litwan

Šiame dokumente išvardytų prekių eksportuotojas (muitinės liudijimo Nr … (1)) deklaruoja, kad, jeigu kitaip nenurodyta, tai yra … (2) preferencinės kilmės prekės.

Verżjoni bl-Ungeriż

A jelen okmányban szereplő áruk exportőre (vámfelhatalmazási szám: … (1)) kijelentem, hogy eltérő egyértelmű jelzés hiányában az áruk preferenciális … (2) származásúak.

Verżjoni bil-Malti

L-esportatur tal-prodotti koperti b'dan id-dokument (awtorizzazzjoni tad-dwana nru. … (1)) jiddikjara li, ħlief fejn indikat b'mod ċar li mhux hekk, dawn il-prodotti huma ta' oriġini preferenzjali … (2).

Verżjoni bl-Olandiż

De exporteur van de goederen waarop dit document van toepassing is (douanevergunning nr. … (1)), verklaart dat, behoudens uitdrukkelijke andersluidende vermelding, deze goederen van preferentiële … oorsprong zijn (2).

Verżjoni bil-Pollakk

Eksporter produktów objętych tym dokumentem (upoważnienie władz celnych nr … (1)) deklaruje, że z wyjątkiem gdzie jest to wyraźnie określone, produkty te mają … (2) preferencyjne pochodzenie.

Verżjoni bil-Portugiż

O abaixo-assinado, exportador dos produtos abrangidos pelo presente documento (autorização aduaneira nº … (1)), declara que, salvo indicação expressa em contrário, estes produtos são de origem preferencial … (2).

Verżjoni bir-Rumen

Exportatorul produselor ce fac obiectul acestui document (autorizația vamală nr. … (1)) declară că, exceptând cazul în care în mod expres este indicat altfel, aceste produse sunt de origine preferențială … (2).

Verżjoni bis-Sloven

Izvoznik blaga, zajetega s tem dokumentom (pooblastilo carinskih organov št … (1)) izjavlja, da, razen če ni drugače jasno navedeno, ima to blago preferencialno … (2) poreklo.

Verżjoni bis-Slovakk

Vývozca výrobkov uvedených v tomto dokumente (číslo povolenia … (1)) vyhlasuje, že okrem zreteľne označených, majú tieto výrobky preferenčný pôvod v … (2).

Verżjoni bil-Finlandi

Tässä asiakirjassa mainittujen tuotteiden viejä (tullin lupa n:o … (1)) ilmoittaa, että nämä tuotteet ovat, ellei toisin ole selvästi merkitty, etuuskohteluun oikeutettuja … alkuperätuotteita (2).

Verżjoni bl-Isvediż

Exportören av de varor som omfattas av detta dokument (tullmyndighetens tillstånd nr. … (1)) försäkrar att dessa varor, om inte annat tydligt markerats, har förmånsberättigande … ursprung (2).

Verjoni bil-Korean

이 서류(세관인증번호...(1))의 적용대상이 되는 제품의 수출자는, 달리 명확하게 표시되는 경우를 제외하고, 이 제품은…(2)의 특혜원산지 제품임을 신고한다.

.....(3)

(Post u data)

.....(4)

(Il-firma tal-esportatur, flimkien mal-isem tal-persuna li tiffirma d-dikjarazzjoni għandha tkun indikata b'kitba ċara)

Noti

(1) Meta d-dikjarazzjoni ta' oriġini ssir minn esportatur approvat, in-numru tal-awtorizzazzjoni tal-esportatur approvat għandu jitniżżel f'dan l-ispażju. Meta d-dikjarazzjoni ta' oriġini ma ssirx minn esportatur approvat, il-kliem fil-parenteżi għandu jitħalla barra jew jitħalla vojt.

(2) L-oriġini tal-prodotti għandu jiġi indikat. Meta d-dikjarazzjoni tal-oriġini tkun relatata, totalment jew parzjalment, ma' prodotti li joriġinaw minn Ceuta u Melilla, l-esportatur għandu jindikahom b'mod ċar fid-dokument li fih issir id-dikjarazzjoni permezz tas-simbolu "CM".

(3) Dawn l-indikazzjonijiet jistgħu jitħallew barra jekk l-informazzjoni tkun inkluża fid-dokument innifsu.

(4) Fil-każijiet fejn l-esportatur ma jkunx meħtieġ li jiffirma, l-eżenzjoni mill-firma timplika wkoll l-eżenzjoni milli jitniżżel l-isem tal-firmatarju.

ANNESS IV

KUMITAT DWAR IŻ-ŻONI TA' PROĊESSAR 'IL BARRA FUQ IL-PENIŻOLA KOREANA

1. B'rikonoxximent tal-mandat kostituzzjonali u l-interessi tas-sigurtà tar-Repubblika tal-Korea, u l-impenn taż-żewġ Partijiet sabiex jippromwovu l-paċi u l-prosperità fuq il-Peniżola Koreana, u l-importanza tal-kooperazzjoni ekonomika intra-Koreana lejn dak il-għan, qed jiġi stabbilit Kumitat dwar iż-Żoni ta' Proċessar 'il Barra fuq il-Peniżola Koreana skont l-Artikolu 15.2.1 (Kumitati Speċjalizzati). Il-Kumitat għandu jeżamina jekk il-kundizzjonijiet fuq il-Peniżola Koreana humiex adatti għal aktar żvilupp ekonomiku permezz tal-istabbiliment u l-iżvilupp ta' żoni ta' proċessar 'il barra.

2. Il-Kumitat għandu jkun iffurmat minn uffiċjali tal-Partijiet. Il-Kumitat għandu jiltaqa' fl-ewwel anniversarju mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u suċċessivament tal-anqas darba fis-sena, jew fi kwalunkwe ħin kif maqbul miż-żewġ naħat.

3. Il-Kumitat għandu jidentifika żoni ġeografiċi li jistgħu jintgħażlu bħala żoni ta' proċessar 'il barra. Il-Kumitat għandu jiddetermina jekk tali żona ta' pproċessar 'il barra tkunx issodisfat il-kriterji stabbiliti mill-Kumitat. Il-Kumitat għandu jistabbilixxi wkoll limitu massimu għall-valur tal-input totali tal-prodott finali li joriġina li jista' jiżdied fl-arja ġeografika taż-żona ta' pproċessar 'il barra.

Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Prinċipat ta' Andorra

1. Prodotti li joriġinaw mill-Prinċipat ta' Andorra li jaqgħu taħt il-Kapitoli 25 sa 97 tas-SA għandhom ikunu aċċettati mill-Korea bħala li joriġinaw mill-Parti tal-UE skont it-tifsira ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Protokoll Dwar id-Definizzjoni ta' 'Prodotti li Joriġinaw' u l-Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-iskop li jiġi definit l-istatus ta' oriġini tal-prodotti hawn fuq imsemmija.

Dikjarazzjoni Konġunta dwar ir-Repubblika ta' San Marino

1. Prodotti li joriġinaw mir-Repubblika ta' San Marino għandhom ikunu aċċettati mill-Korea bħala li joriġinaw mill-Parti tal-UE skont it-tifsira ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Protokoll Dwar id-Definizzjoni ta' 'Prodotti li Joriġinaw' u l-Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-iskop li jiġi definit l-istatus ta' oriġini tal-prodotti hawn fuq imsemmija.

Dikjarazzjoni Konġunta dwar ir-reviżjoni tar-regoli tal-oriġini li jinsabu fil-Protokoll dwar id-Definizzjoni ta' "Prodotti li Joriġinaw" u l-Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva

1. Il-Partijiet jaqblu li jeżaminaw ir-regoli tal-oriġini li jinsabu fil-Protokoll dwar id-Definizzjoni ta' "Prodotti li Joriġinaw" u l-Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva u jiddiskutu l-emendi meħtieġa meta jintalbu jagħmlu dan minn waħda mill-Partijiet. Waqt li jkunu qegħdin jiddiskutu l-emendi għall-Protokoll dwar id-Definizzjoni ta' "Prodotti li Joriġinaw" u l-Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva, il-Partijiet għandhom iqisu l-iżvilupp ta' teknoloġiji, il-proċessi tal-produzzjoni, il-varjazzjonijiet fil-prezzijiet u l-fatturi l-oħra kollha li jistgħu jiġġustifikaw it-tibdil fir-regoli tal-oriġini.

2. L-Anness II għall-Protokoll dwar id-Definizzjoni ta' "Prodotti li Joriġinaw" u l-Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva għandhom jiġu addattati skont il-bidliet perjodiċi fis-SA.

Dikjarazzjoni konġunta dwar in-noti ta' spjegazzjoni

Il-Partijiet jaqblu dwar il-ħtieġa li jistabbilixxu Noti ta' Spjegazzjoni għal dan il-Protokoll. In-Noti għandhom jiġu implimentati mill-Partijiet skont il-proċeduri interni tagħhom.

NOTI TA' SPJEGAZZJONI

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 1, il-manifattura tinkludi l-ħsad, l-insib, il-produzzjoni, it-tgħammir u l-iżmuntar.

2. Għall-finijiet tal-Artikolu 1 (g), aċċertabbli jfisser "stabbilit skont il-Ftehim dwar l-Evalwazzjoni Doganali".

3. Għall-finijiet tal-Artikolu 5.1(b), il-valur tal-materjal li ma joriġinax jista' jinkiseb billi mill-prezz tal-fabbrika tal-prodott jitnaqqas il-valur tal-materjal li joriġina, inkluż il-materjal li joriġina pproduċut minnu nnifsu li jintuża fil-produzzjoni tal-materjal li ma joriġinax riżultanti.

4. Il-valur tal-materjal li joriġina pproduċut minnu nnifsu jinkludi l-ispejjeż kollha magħmula fil-produzzjoni tal-materjal u ammont għall-profitt ekwivalenti għall-profitt miżjud waqt il-kummerċ normali.

5. Għall-finijiet tal-Artikolu 6, "sempliċi" jiddeskrivi attivitajiet li la jeħtieġu ħiliet speċjali u lanqas magni, apparat jew tagħmir prodott jew installat apposta sabiex titwettaq l-attività. Madankollu, it-taħlit sempliċi ma jinkludix ir-reazzjoni kimika. Reazzjoni kimika tfisser proċess, inkluż proċess bijokimiku, li jirriżulta f'molekula bi struttura ġdida bit-tkissir ta' rabtiet intramolekulari u bl-iffurmar ta' rabtiet intramolekulari ġodda, jew bit-tibdil fl-arranġament spazjali tal-atomi ġewwa molekula.

6. Għall-finijiet tal-Artikolu 10, l-elementi newtrali, pereżempju, għandhom jinkludu:

   (a) l-enerġija u l-karburant;

   (b) l-impjant u t-tagħmir;

   (c) il-makkinarju u l-għodod; u

   (d) oġġetti li ma jidħlux u li mhumiex intenzjonati li jidħlu fil-kompożizzjoni finali tal-prodott.

7. Għall-finijiet tal-Artikolu 11, prodotti identiċi u interkambjabbli jfissru materjali li jkunu tal-istess tip u kwalità kummerċjali, li jkollhom l-istess karatteristiċi tekniċi u fiżiċi, u li ma jkunux jistgħu jintgħarfu wieħed mill-ieħor għal skopijiet ta' oriġini, ladarba jkunu inkorporati fil-prodott lest.

8. Għall-finijiet tal-Artikolu 11, il-"perjodu" speċifiku għandu jiġi determinat skont il-liġijiet u r-regolamenti domestiċi relevanti ta' kull Parti.

9. Għar-raġunijiet speċifiċi li ġejjin biss, it-trattament preferenzjali jista' jiġi rifjutat mingħajr verifika tal-prova tal-oriġini billi l-prova tista' titqies bħala mhux applikabbli meta:

   (a) ir-rekwiżiti tal-Artikolu 13 dwar it-trasport dirett ma jkunux ġew sodisfatti;

   (b) il-prova tal-oriġini tiġi ppreżentata wara għal prodotti li għall-ewwel kienu importati b'mod frodulenti;

   (c) il-prova tal-oriġini tkun inħarġet minn esportatur minn non-parti għal dan il-Ftehim;

   (d) l-importatur jonqos milli jissottometti prova tal-oriġini lill-awtoritajiet doganali tal-Parti importatriċi fil-perjodu speċifikat fil-leġiżlazzjoni tal-Parti importatriċi.

10. Għall-finijiet tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Prinċipat ta' Andorra, l-awtoritajiet doganali tal-Prinċipat ta' Andorra għandhom ikunu responsabbli għall-applikazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta fil-Prinċipat ta' Andorra.

11. Għall-finijiet tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar ir-Repubblika ta' San Marino, l-awtoritajiet doganali tar-Repubblika Taljana għandhom ikun responsabbli għall-applikazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta fir-Repubblika ta' San Marino.